MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 18/2011

**Decizjoni tal-Arbitru Numru: 436/2011 fl-ismijiet:-**

**Jonathan Abdilla**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fil-21 ta' Novembru 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"L-Arbitru.*

*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 30 ta' Gunju 2008.*

*Ra l-ittra tal-appell.*

*Ra r-Risposta tad-Direttur datata 24 ta' Novembru 2008 flimkien mad-dokumenti kollha annessi.*

*Ra n-nota tal-osservazzjonijietipprezentata minn-naha tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.*

*Ra n-nota tal-osservazzjonijiet responsiva tal-appellant.*

*Ra r-risposta ulterjuri tad-Direttur datata 30 ta' April 2010.*

*Ra l-atti kollha tal-appell.*

***Ikkunsidra:***

*Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fit-30 ta' Gunju 2008, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellant ma kienx intitolat ghall-Pensjoni ta' Dizabilita' peress illi ma kienx sodisfatt li d-dhul fil-gimgha tal-appellant u tal-familja tieghu ma kienx jeccedi l-iskala kif stabbilita mill-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-appellant huwa persuna b'dizabilita' gravi u permanenti.*

*Illi sabiex jittiehed in konsiderazzjoni jekk persuna b'tali dizabilita' hijiex intitolata ghall-Pensjoni tad-Dizabilita' ghandha ssir referenza ghall-Artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali - Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta - li taghmel referenza ghat-Taqsima V tat-Tieni Skeda tal-Att, dwar kif ghandhom jigu kkalkolati l-mezzi fil-gimgha ghall-finijiet tal-istess Artikolu 27.*

*Illi t-Taqsima V tat-Tieni Skeda tiddisponi hekk kif gej:-*

*1. Fil-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att, ghandu jitqies:*

*a. il-valur ta' kull proprjeta' (minbarra d-dar ta' residenza) ta' dik il-persuna li tkun, jew tista' tkun investita jew tintuza*

*bi qliegh, bl-eskluzjoni ta' ghamara, gojjellerija u hwejjeg ohra personali; u*

*b. bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, kull dhul jew privilegg li huwa ricevut jew jista' jigi ricevut minn, jew ikun ta' tgawdija ghal dik il-persuna, kalkolat fuq bazi ta' gimgha.*

*Illi l-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima jiddisponi hekk kif gej:-*

*Fil-kalkolu tad-dhul jew privilegg kif deskritt taht is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima, ma ghandhomx jitqiesu –*

*a. kull beneficcju ghal mard moghti minn socjeta' filantropika jew trade union;*

*b. kull somma mhallsa minn fond tal-karita'; u*

*c. kull Ghajnuna Medika, Allowance tat-Tfal, Allowance ghal Tifel b'Dizabilita' jew Beneficcju ghal Maternita' li jithallsu taht dan l-Att; u*

*d. l-ewwel Lm200 li jsiru bi qliegh minn persuna li taghmel hdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xoghol tal-ganc u rakkmu, gewwa d-dar, u li l-manifattura ta' dak l-artiggjanat ma tkun tinvolvi l-ebda process mekkaniku.*

*Illi jidher ghalhekk li l-legislatur ipprovda b'mod car dwar liema ammonti jistghu jigu mnaqqsa mid-dhul ta' persuna b'dizabilita', u fil-fatt ma hemm l-ebda lok ghal xi interpretazzjoni izjed wiesa' minn dawn l-eccezzjonijiet. Il-ligi ma tipprovdix ghat-tnaqqis ta' somma kapitali li persuna tkun irceviet in linea ta' danni kagunati lilu personalment - kif jidher li gara fil-kaz odjern, fejn l-appellanti rcieva s-somma ta' Lm500,000.00 (ekwivalenti ghal €1,164,686.70) in linea ta' danni wara d-dizabilita' li sofra - u ghalhekk tali somma kapitali ma tistax tigi mnaqqsa mill-kalkolu tad-dhul tal-appellanti.*

*Illi l-Arbitru jaqbel mas-sottomissjonijiet li saru minn-naha tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali dwar d-definizzjoni o meno tal-kelma 'dhul' fil-ligi, u jidhirlu li s-sottomissjonijet maghmula da parti tal-appellant dwar l-istess, ma jreggux.*

*Illi in vista ta' dan, l-Arbitru jidhirlu li d-decizjoni tad-Direttur ittiehdet skont il-ligi u ghalhekk timmerita konferma.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi kkonfermata."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Abdilla (ID 70224) bhala kuaratur ta' ibnu Jonathan Abdilla (ID 178577M) datat 16 ta' Dicembru 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tiddikjara li Jonathan Abdilla huwa ntitolat ghall-pensjoni tad-dizabbilita` skont id-disposizzjonijiet tal-**Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta** u tikundanna lill-intimat appellat sabiex ihallas lir-rikorrenti appellant il-pensjoni tad-dizabbilita` skont l-istess **Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta** nkluz l-arretrati u l-imghaxijiet relattivi, bl-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi a karigu tal-intimat appellat.

Rat li din l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Marzu 2012.

Rat ir-risposta tad-direttur appellat datata 5 ta' Marzu 2012 fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Marzu 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghad-direttur appellat, u Dr. Alessia Zammit Mckeon ghall-appellanti prezenti. Irrizulta li r-risposta tad-direttur appellat mhix fil-process u ordnat li din tigi nserita minnufih. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-19 ta' April 2012.

Rat li l-istess risposta giet eventwalment inserita fil-process b'dan li din id-decizjoni tista' tinghata regolarment.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 21 ta' Novembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi f'dan l-appell l-appellanti qed isostni li d-decizjoni li nghatat mill-Arbitru ma hijiex skond il-ligi ghaliex l-ammont li l-appellant kien ircieva bhala kumpens ghall-incident awtombilistiku li sofra ma jidholx fid-definizzjoni ta' qliegh kif tinstab fl-**artikolu 2 tal-Kap. 318,** u allura kull riferenza ghall-kelma dhul li hija msemmija fil-kalkolazzjoni tal-mezzi abbazi tat-**Taqsima V tat-Tieni Skeda** tal-imsemmi Att, li jsir riferenza ghalih fl-**artikolu 27 tal-Kap. 318** ghandha tigi interpretata fid-dawl tad-defizzjoni ta' qliegh, u allura jekk isir dan, tali rizarciment li l-appellant kien ircieva minghad s-socjeta' assikurtatrici ma jinkwadrax ruhu bhala proprjeta' jew dhul li ghandhom jigu kkalkulati bhala mezzi tal-appellant sabiex jigi stabbilit jekk hux intitolat li jiehu l-pensjoni ta' dizabbilita'.

Illi bazikament l-appell odjern qed jirreferi ghat-tifsira tal-kelma qliegh fl-**artikolu 2 tal-Kap. 318** li tinkludi dhul minn attivita' ekonomika li tali risarciment li huwa rcieva ma huwiex; izda l-kaz odjern jittratta fuq beneficcju li l-appellant qed jitlob taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 27 (1) (c) tal-Kap. 318** li testwalment tirreferi ghal mal-*"mezzi*
*Taghha fil-gimgha, kalkolati skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V tat-Tieni Skeda ma jeccedux il-paga minima nazzjonali ....".*

Illi t-**Taqsima V tat-Tieni Skeda** tiddisponi hekk kif gej:-

*“1. Fil-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet ta’ l-artikolu 27 ta’ dan l-Att, ghandu jitqies:*

*a. il-valur ta’ kull proprjeta’ inkluz it-tqeghid kollu ta’ dik il-prorprjeta’ fi trust (minbarra d-dar ta’ residenza) ta’ dik il-persuna li tkun, jew tista’ tkun investita jew tintuza bi qliegh, bl-eskluzjoni ta’ ghamara, gojjellerija u hwejjeg ohra personali; u*

b. salv kif provdut fil-paragrafu 3 ta’ din it-Taqsima, kull dhul jew privilegg li huwa ricevut jew jista’ jigi ricevut minn, jew ikun ta’ tgawdija ghal dik il-persuna, kalkolat fuq bazi ta’ gimgha.

Illi l-**paragrafu 3 ta’ din it-Taqsima** jiddisponi hekk kif gej:-

*“Fil-kalkolu tad-dhul jew privilegg kif deskritt taht is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 1 ta’ din it-Taqsima, ma ghandhomx jitqiesu –*

*a. kull beneficcju ghal mard moghti minn socjeta’ filantropika jew trade union;*

*b. kull somma mhallsa minn fond tal-karita’; u*

*c. kull Ghajnuna Medika, Allowance tat-Tfal, Allowance ghal Tifel b’Dizabilita’ jew Beneficcju ghal Maternita’ li jithallsu taht dan l-Att; u*

*d. l-ewwel Lm200 li jsiru bi qliegh minn persuna li taghmel hdim ta’ maljar bl-idejn, bizzilla, xoghol tal-ganc u rakkmu, gewwa d-dar, u li l-manifattura ta’ dak l-artiggjanat ma tkun tinvolvi l-ebda process mekkaniku”.*

Illi minn dan jirrizulta li fid-disposizzjonijiet li jirreferu ghall-kaz in ezami l-Ligi qed tirreferi kemm ghall-kuncett ta’ kull proprjeta’ (li mhix dar ta’ residenza) u wkoll ghal kull dhul derivanti mill-istess u l-Ligi hawn ma hijiex qed tuza l-kelma l-“qliegh”, u allura d-definizzjoni tal-kelma “qliegh”, kif indikata fl-istess Att ma tapplikax ghall-kaz in ezami li

lanqas jirreferi ghaliha izda minflok jirreferi ghal dhul u certament li l-ammont li ircieva l-istess appellant ma huwiex eskluz la mill-kelma proprjeta', u l-introjtu minnu ma huwiex eskluz mill-kelma dhul skond l-imsemmi disposizzjonijiet. Ma hemmx dubju li l-kelma dhul ma ghandhiex sinfikat bhal kelma qliegh fl-istess Att u l-istess kliem ma humiex qed jirreferu ghall-istess haga u ghalhekk mhux huma separatl u distinti minn xulxin almenu u zgur  fl-ambitu tal-Att in kwistjoni. Fl-ahharett kieku l-ligi riedet teskludi tali indemnizz milli jigi kkunsidrat bhala dhul il-ligi kienet tghidu dan ma ghamlitux – *ubi voluit dixit.*

Illi jinghad ukoll li dwar dan il-punt gja inghatat decizjoni dwarhom li kien jinvolvi lill -appellant odjern u li gie deciz mill-Arbitru Dr. Robert Mangion fit-13 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet ukoll ta' "Jonathan Abdilla vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" (Dec. tal-Arbitru Numru 202/01 li ghaliha saret riferenza wkoll mill-intimat appellat fir-risposta tal-appell tieghu u l-Qorti odjerna taqbel ma' l-istess pronunzjament. Jinghad ukoll li l-appellanti odjern f'dak il-kaz lanqas biss ghamel appell. Izda kif hawn qed jinghad indipendentement minn dan, din il-Qorti thoss li l-interpretazzjoni tal-Ligi kif inghata mill-istess decizjoni tal-Arbitri, dik odjerna tal-21 ta' Novembru 2011 illum taht l-appell, u dik appena citata tat-13 ta' Gunju 2011 (li t-tnejn huma ben motivati) hija dik korretta, u bil-Ligi kif inhi llum l-appell tal-appellanti ma jistax jigi milqugh u qed jigi rigettat.

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa` r-risposta tal-appellat id-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 5 ta' Marzu 2012 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **u tichad l-appell tal-appellanti interpost fir-rikors tal-appell tieghu datat 16 ta' Dicembru 2011 stante li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi "Jonathan Abdilla vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" (Decizjoni tal-Arbitru**

**436/11/VGD) datata 21 ta’ Novembru 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------